# Qamar biss u Kewkba.....

"U n-nies ħarġet mill-belt u stagħġbet bil-ġmiel tad-dehra tal-qamar u l-kewkba fejn xulxin imqiegħda, u s-safa ta' l-ajru fietel."

*Xi ġmiel ta' lejla! qamar biss u kewkba*
*Jiwegħlu s-skiet ta' dan il-lejl li riesaq,*
*U s-sema safi, qisu mera ikħal*
*Li fih l-għajnejn tisserraħ. Xejn ta' ħeġġa,*
*Ta' ġiri w qtigħ il-qalb, tamiet imħarbta,*
*Ma jaf dal-ġmiel hekk ħiemed. Sliem iħabbar.*
*Xi ġmiel ta' lejla! Donnok tħoss li ruħek*
*Trid toħroġ barra minn dal-qafas iebes*
*Ta' għadam, dgħif, u demm u fix-xejn titlef*
*Is-sura tagħha biex bil-ħeffa tiġri*
*Ma' l-erbagħt iżmna, ma l-erbagħt irjieħ,*
*Hielsa; bħad-dawl li rmiet ix-xemx ferħana*
*Ta' qabel nofs in-nhar li għadu jlebbet*
*F'raddet il-wisa' kbir ta' wara x-xemx,*
*Ta' wara l-kwiekeb żoroq, wara ż-żmien*
*U l-ħajja fejn tal-mewt taħkem is-saltna:*
*Wara l-univers.*

*Qamar biss u kewkba,*
*W iżraq imdallam, fond bħal baħar ħġieġa...*

*Għandu das-seħer minn tal-ġmiel tal-lejla*
*Is-sliem li darba ħlomt għal jiem żgħużiti:*
*Stħajjilt li l-ħlewwa qiegħda tgħaqqad f'rabta*
*L-imħuħ tan-nies li ta' kull jum tiltaqa';*
*Stħajjilt l-imħabba bejn il-bnedmin timraħ*
*Biex tfarraġ l-imnikktin mid-dieq u l-karba;*
*Stħajjilt li l-maħfra li malajr tingħata*
*Ser tħassar mit-tifkira l-għelt u l-għawi;*
*Stħajjilt li l-ħbiberija mhix bħall-kelma*
*Li sat-tifsira titlef tul iż-żmien.*
*Kif jibda jbexbex mill-lejliet sajfija:*
*Ftit ftit id-dawl jiżdied, u l-kwiekeb jinżgħu*
*Il-bjuda li fid-dalma kienu libsu,*
*Sakemm fil-għera tqum tal-jum id-dija,*
*U d-dawl iwaġġa' s-sens; hekk qomt mill-ħolma*

*Ta' jiem tfuliti; jien għaraft il-bluha:*
*Għaraft li l-idijal m'għandux ħlief ċaħda*
*Qalb il-bnedmin li ta' kull jum jintilfu*
*Fil-ħsieb ta' loqma ħobż, bid-dmugħ imxarrba......*

*Iswed il-lejl qed jaħkem; u minn wara*
*L-qamar u l-kewkba, bdew ifeġġu, issa,*
*Mijiet mijiet il-kwiekeb impetptin,*
*Bħall-ħjut tax-xita dejjem riesqa lejna*
*Maqtugħa f'nofshom. Bħal tagħmiż t'għajnejn*
*Jintfew, jixegħlu, u kemm kemm ibiddlu*
*L-leħħa ta' lwienhom. Tgħid dawn huma għelma*
*Ta' kif l-erwieħ il-kbar mid-dinja msawta*
*Ta' l-idijal it-torċa xegħlu fostna,*
*U kif il-kwiekeb tiżgħad — wens l-iljieli —*
*Kienu tad-dinja l-wens: id-dinja mħarbta*
*Mill-ġuħ u l-għaks u t-turufnar u l-gwerer?*
*Għax l-idijal li ħafna jsejħu frugħa*
*Minn dejjem kellu ħbieb fil-qlub magħsura,*
*U jekk hemm, fuq l-Għoljiet tal-Għajb, inħaqru,*
*Il-Mewt isimhom fdiet biex jibqgħu magħna.*

*Mela petptu, ja dwal tal-lejl bis-sliema!*
*Tagħkom il-ġmiel, u tagħna l-ġlied għall-ħajja:*
*Il-ġiri, l-qtigħ il-qalb, il-għajb, it-tama.*
*Halluna, hekk, narawkom sbieħ fl-għaxija:*
*Naraw il-ġmiel li Alla għalina ħalaq,*
*U nifhmu kif il-ħajja tagħna għajjibna,*
*U s-sew stmerrejna.*

13. 2. 48 WALLACE GULIA